MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 1000/1997/1

Raymond Aquilina

vs

Kummissarju tal-Pulizija

Illum 2 ta' Dicembru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat mir-rikorrent fis-26 ta' Novembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1994/1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ingustament ma giex "re-instated" fil-korp tal-Pulizija.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent kien dahal jahdem fil-Korp tal-Pulizija fl-14 ta' Marzu 1986. Illi fiz-zmien li r-rikorrent dam jahdem mal-Korp huwa dejjem

qeda dmiru bl-akbar responsabbilita` u serjeta`. Illi fi Frar 1990 ir-rikorrent kien talab li jirrizenja kif il-fatt ghamel.

Illi bejn l-1992 u l-1995 ir-rikorrent kien qed jahdem bhala suldat mal-Forzi Armati ta' Malta. Illi fit-22 ta' Frar 1994 ir-rikorrent fl-eta' ta' 29 sena talab li jerga jissieheb fil-Korp tal-Pulizja. Ir-rikorrent ircieva twegiba illi huwa ma kienx maghzul biex jerga jissieheb fil-Korp. Illi f'Marzu ta' l-1995 ir-rikorrent rega talab li jissieheb u ghal darb'ohra minghajr gustifikazzjoni, r-rikorrent rega' rcieva twegiba illi huwa ma setax jidhol fil-Korp;

Illi matul iz-zmien u wara li r-rikorrent kien talab biex jerga jissieheb fil-Korp tal-Pulizja kien hemm numru ta' ex-Pulizija ohra li gew re-instated fil-Korp.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribuanl biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda kollha kif indikati f'dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent jerga jigi re-instated fil-Korp tal-Pulizija b'lura mill-1994 u jinghaddulu z-zmien fis-seniority huwa ghamel fil-Forzi Armati ta' Malta kif gara fil-kaz ta' ex-pulizija ohra li gew re-instated jew inkella jekk dan ir-rimedju ma setax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont li jidhrlu xieraq dan it-Tribunal.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija fejn wiegeb illi:

1. Illi mhux minnu dak ecepit mir-rikorrent illi kien hemm xi membri tal-Korp tal-Pulizija li wara li telqu mill-Korp gew re-instated, u li gie maghdud lilhom iz-zmien kwantu seniority, li dawn ghamlu fl-ingagg tal-Forzi Armati ta' Malta u ghaldaqstant fin-nuqqas ta' provi konkreti dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jichad it-talba.

2. Illi fir-rigward tat-talba l-ohra tar-rikorrent sabiex huwa jergi jigi re-instated fil-Korp tal-Pulizija b'lura minn 1994 din ghandha tigi michuda peress illi:

i) Ir-rizenja tar-rikorrent mill-Korp tal-Pulizija kienet wahda spontanea u in konsegwenza tat-talba tieghu stess u ghaldaqstant la kien hemm u lanqas hemm xi obbligu fuq il-Kummissarju tal-Pulizija jilqa' t-talba tar-rikorrent ghall-re-instatement.

ii) Illi r-rikorrent kien accetta d-decizjoni sew tal-Ministru tal-Intern kif ukoll tal-Kummissarju tal-Pulizija tant illi minn imkien ma jirrizulta illi huwa kontesta tali decizjoni.

iii) Illi kien wara li r-rikorrent gie ngaggat ghat-tieni darba, in segwita ta' sejha fil-gazetta tal-Gvern, illi huwa ressaq u qanqal din il-kwistjoni quddiem il-Management & Personnel Office fl-ufficcju tal-Prim Ministru li min-naha taghha espremiet id-decizjoni taghha favur il-Kummissarju tal-Pulizija u dan kif jirrizulta mill-kopja tad-decizjoni hawn annessa u mmarkata Dok A.

Ghaldaqstant l-istess ragunijiet hemm moghtija ghalfejn it-talba tar-rikorrent ma ghandhiex tintlaqa ghandhom jigu konfermati.

3. Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi ma jinkwadrawx ruhhom fl-Art 6 tal-Att VIII tan-1997.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qieghed jallega illi huwa kien fil-Korp tal-Pulizija, hareg, talab illi jigi re-instated u b'mod ingust gie rifjutat tant li kellu japplika mill-gdid biex jidhol fil-Korp bhala rekluta gdid. Talab rimedju lil dan it-

Tribunal sabiex jordna lill-intimat jaccetta r-re-instatement tieghu minghajr telf ghas-seniority b'effett mill-1992. Ir-rikorrent xehed (fol 38) illi huwa dahal mal-Korp l-ewwel darba fl-14 ta' Marzu 1986 u kien stazzjonat fil-garaxx tal-pulizija. F'Mejju 1987 gie trasferit fil-hames distrett taz-Zejtun fejn baqa' hemmhekk sa l-10 ta' Frar 1990, meta rrizenja mill-Korp. Ir-raguni il-ghala telaq kien li d-detail qatt ma kien ikun regolari u l-"off" kien jigi generalment il-Hadd. Kien hemm ukoll ragunijiet personali li r-rikorrent ma qalx x'inhuma.

Wara li hareg minn mal-Pulizija ghamel xi perjodu jahdem mal-privat u fl-1992 mal-Forzi Armati ta' Malta bi grad ta' gunner. Dam mal-Forzi Armati sal-31 ta' Lulju 1995 fejn rega' dahal mal-Korp tal-Pulizija bhala trainee. Fil-31 ta' Lulju 1995 gie moghti struzzjonijiet sabiex jattendi l-akkademja u jibda l-kors ghal kuntistabbli. Innota illi mieghu kien hemm sebgha ohra illi kienu bdew il-kors illi kienu gew re-instated. Il-kors spiccah b'marki tajbin hafna tant li minn 60 gie t-tieni. Fit-30 ta' Mejju 1996 kiteb lill-Kummissarju sabiex is-servizz illi kellu qabel ma rrizenja jibqa' jghodd izda din it-talba giet rifjutata. Fit-12 ta' Lulju 1996 kiteb lill-Ministru tal-Intern Tonio Borg fejn assigurah li s-servizz kien ser jghodd izda bil-miktub ma rcieva xejn. Applika ghal surgent izda giet rifjutat ghax ma kellux zmien bizzejjed peress illi t-terminu originali ma kienx qed jigi meqjus a favur tar-rikorrent. Kiteb ukoll lill-Ufficju tal-Prim Ministru izda baqa' ma sar xejn. Jallega illi dahlu numru ta' persuni b're-instatement izda huwa le. Tilef erba' snin servizz u ghalhekk qed jallega diskriminazzjoni fil-konfront tieghu.

Fost ix-xhieda prodotti hemm dik tas-Superintendent Ronald Kelly (fol 56) fejn spjega li fil-fatt kien hemm nies li gew re-instated fil-Korp tal-Pulizija bejn l-1992 u 1995 u li kien jircievi l-applikazzjonijiet, janalizzhom u jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu u jghaddihom lill-Kummissarju tal-Pulizija. A fol 59 gew esebiti l-listi ta' nies li gew re-instated bejn l-1992 u 1995. Irrizulta wkoll mix-xhieda tas-Superintendent Kelly illi ma kinitx darba li r-rikorrent talab li jirrizenja mill-Korp. Fil-fatt l-ewwel talba tieghu kienet fit-23 ta' Jannar 1988, din it-talba giet

ipprocessata u accettata izda fil-11 ta’ Frar 1988 irtira r-rizenja u baqa’ jahdem fil-korp b’mod normali. Fis-26 ta’ April 1988 rega’ talab biex jirrezenja din ukoll giet accettata izda fis-7 ta’ Mejju 1988 l-ahhar rizenja giet irtirata wkoll. Ghat-tielet darba fit-8 ta’ Frar 1990 r-rikorrent talab li jirrizenja din giet accettata u fl-ahhar hareg definittivament mill-Korp fl-10 ta’ Frar 1990. Fix-xhieda tieghu r-rikorrent ma jsemmi xejn dwar dawn l-ittri ta’ rizenji.

Fit-22 ta’ Frar 1994 u s-6 ta’ Marzu 1995 kiteb darbtejn sabiex jigi re-instated izda din giet rrifjutata. Ir-rikorrent jghid li ma jafx x’kienet ir-raguni ghal dan ir-rifjut izda s-Superintendent Kelly ta’ x’jifhem illi l-komportament tar-rikorrent kien jidher illi huwa kien bniedem indeciz u ma kienx jaf x’irid, jibqax fil-Korp jew le. Saret referenza ghar-records tad-dixxiplina minn fejn kien jirrizulta xi nuqqasijiet, l-aktar wahda serja l-harba ta’ prigunier Kristino Mamo meta kien taht il-kustodja tar-rikorrent. Is-superintendent Kelly spjega illi d-decizjoni tar-re-instatement hija tal-Kummissarju tal-Pulizija personalment, illi jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-MPO li imbaghad tiehu d-decizjoni finali.

Giet esebita d-“defaulter sheet” tar-rikorrent a fol 72 minn fejn jirrizultaw xi nuqqasijiet zghar fosthom din il-harba ta’ Kristino Mamo.

L-aktar xhud importanti f’din il-kawza huwa l-Ex Kummissarju tal-Pulizija George Grech fejn qal illi huwa personalment kien kontra r-re-instatements ghax ma jemminx fil-pulizija tac-cirkostanzi. Pero` meta jkollu talba ghal re-instatement l-aktar kriterju mportanti li jikkunsidra hija jekk il-persuna tkunx “asset” ghall-Korp jew le. Fil-kaz tar-rikorrent wara illi ra l-personal file tieghu, l-Kummissarju George Grech ra illi kien talab biex jirrizenja tlett darbiet u rega’ bdielu u ra ukoll il-harba tal-prigunier. “Ghalhekk jien ta’ l-opinjoni li Raymond Aquilina ma kienx “asset” ghall-Korp propju minhabba l-fatt illi anki deher indeciz hux se jibqa’ fil-korp jew le…. Jiena kont ghidt li jekk din il-persuna huwa veru vokat biex jidhol fil-Korp tal-Pulizija jista’ jerga japplika mill-gdid u jerga jidhol fil-Korp.”

Is-Sur Grech jkompli jghid li huwa rrakomanda lil MPO illi r-rikorrent ma kellux jigi re-instated u spicca biex qal "….. nghid li l-aktar li bbazajt d-decizjoni tieghi fil-kaz ta' Raymond Aquilina kienet li huwa deher indeciz x'irid jaghmel ghaliex kif diga ghidt qabel il-Korp tal-Pulizija mhuwiex il-Bieb ta' Putirjal illi meta trid tohrog u meta trid tidhol."

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali t-Tribunal jidhirlu illi l-Kummissarju tal-Pulizija ta' allura George Grech kellu ragun illi wara illi jezamina l-personal file jirrakomanda li ma jigix re-instated. Sa dakinhar kien jidher li r-rikorrent kien bnieden indeciz ma jafx ezzatament x'irid jekk jibqax fil-korp jew le. Dawk it-tlett talbiet ghar-rizenja kienu verament decizivi biex wasslu lill-Kummissarju tal-Pulizija illi ma jirrakomandax ir-re-instatement tar-rikorrent. Veru illi kien hemm nies ohra li gew re-instated bejn l-1992 u 1995 li huwa t-terminu illi fih ir-rikorrent talab illi jigi re-instated izda hadd minn dawn l-applikanti ma wera l-indecizjoni illi wera r-rikorrent. Dan, mehud in konsiderazzjoni illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien personalment kontra re-instatement wassluh biex jasal ghal gudizzju illi r-rikorrent, fl-istat indeciz illi kien, zgur illi ma kienx "asset" ghall-Korp tal-Pulizija. Il-Kummissarju pero` ma poggix ostaklu ghar-rikorrent li jerga' japplika mill-gdid "as a new recruit" u jerga' jidhol fil-Korp tal-Pulizija bi proceduri normali kif fil-fatt ghamel.

Illum ir-rikorrent mexa fil-Korp u lehaq il-grad ta' Spettur kif spjega tajjeb l-avukat tieghu waqt it-trattazzjoni, pero` t-Tribunal irid jikkonsidra d-decizjoni tal-Kummissarju fl-isfond tac-cirkostanzi li kienu jezistu dak iz-zmien u t-Tribunal jidhirlu illi r-ragunament tal-Kummissarju ta' allura kien wiehed gust u eku mehud il-fatti li kellu quddiemu dakinhar. Fatti li wrew bic-car illi r-rikorrent kien ferm indeciz u ma jafx kellux futur fil-Korp tal-Pulizija jew le. Ghalhekk la r-rizenja tar-rikorrent fl-1990 kienet wahda volontarja, ghax ma riedx joqghod ghall-kundizzjonijiet tax-xoghol vicenti dak iz-zmien, ir-rikorrent tilef kwalunkwe beneficcju illi seta' kellu rizultanti tal-pozizzjoni tieghu fil-

Korp ghal dak li jirrigwarda seniority u ranking liema fatturi rega' bdew jghoddu mill-gdid meta rega' gie ngaggat formalment fil-31 ta' Lulju 1995. Ghalhekk fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrent illi jordna r-re-instatement tieghu mal-Korp tal-Pulizija b'effett mill-1994 u li ma jitlifx is-seniority inluz il-perjodu illi huwa ghamel mal-Forzi Armati ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa. Fl-ahhar jordna li d-"defaulter sheets" ta' terzi li gew esebiti f'dawn l-atti u li baqghu fil-kustodja tar-registratur jigu ritornati lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------